# Is-Sena tal-Volontarjat

*Carmen Cini*



Għaddiet sena oħra minn meta kont qed nikteb dawn l-erba' versi biex nerġa' nkellimkom ftit. Din is-sena ddeċidejt li niddedika l-ispazju tiegħi lill-"volontarjat". Forsi tgħiduli, "Int ukoll, daqs kemm smajna dwaru?" Iva, u għalhekk ser nitkellem fuqu għax jidhirli li anke jien għandi nagħti sehmi.

Kwalunkwe volontarjat jagħtik sodisfazzjon sew jekk tkun parti minn għaqda jew soċjetà, kif ukoll jekk dan tagħmlu personalment. Meta tagħti rigal mill-qalb tieħu pjaċir tagħtih daqs li kieku tkun int qed tirċevih, u hekk meta tagħti sehmek fil-volontarjat. Is-sodisfazzjon li tħoss wara xi biċċa xogħol jagħtik il-kuraġġ biex tibqa' taħdem.

Il-volontarjat lili mhux biss jagħtini dan is-sodisfazzjon, imma jgħallimni naħdem bħala tim u hekk tinduna li kull min jagħti sehmu għandu kapaċitajiet speċjali u b'hekk ix-xogħol isir aħjar.

L-ebda kumitat f'Għaqda jew Soċjetà m'għandu l-ħila jaħdem mingħajr l-għajnuna ta' voluntieri oħra, u minn hawn nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lil kull min jagħti sehmu.

Għalhekk nagħmel appell lil kull min jixtieq jagħmel parti minn xi "volontarjat", ma joqgħodx jaħsibha u jingħaqad ma' xi għaqda biex hu wkoll ikun jaf x'sodisfazzjon jirrendi.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja l-ewwelnett lil sħabi tal-Kummissjoni Nisa fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial tax-xogħol siewi li nagħmlu flimkien. Grazzi tmur ukoll għall-Kumitat Direttiv tal-appoġġ li dejjem jagħtina f'kull ma nagħmlu. Fl-aħħar, iżda żgur mhux l-inqas, insellem lil sħabna morda u anzjani li ma jistgħux igawdu l-festa magħna. Nistedinhom isegwu l-festa fuq l-internet.

Pjacir tagħna wkoll insellmu lil ħutna l-emigranti li hawn fostna u tislijiet lil dawk l-eluf li żgur se jkunu magħna fuq www.imperialbandclub.com

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

*Il-President u l-Kumitat tal-Għaqda Mużikali Imperial jixtiequ jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*